2024/1360

31.5.2024

**FTEHIM**

**fil-forma ta' Skambju ta' Ittri bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika Għarbija tal-Eġittu, skont l-Artikolu XXVIII tal-Ftehim Ġenerali dwar it-Tariffi u L-Kummerċ (GATT) tal-1994, relatat mal-modifika ta' konċessjonijiet fuq il-kwoti tariffarji kollha inklużi fl-iskeda CLXXV tal-UE bħala konsegwenza tal-ħruġ tar-Renju Unit mill-Unjoni Ewropea**

A. Ittra mill-Unjoni Ewropea

Sinjur/Sinjura,

Bi pjaċir nirreferi għan-negozjati li saru f'konformità mal-Artikolu XXVIII tal-Ftehim Ġenerali dwar it-Tariffi u l-Kummerċ (GATT) tal-1994 relatati mal-modifika tal-konċessjonijiet fuq il-kwoti tariffarji kollha inklużi fl-Iskeda CLXXV tal-Unjoni Ewropea b'konsegwenza tal-ħruġ tar-Renju Unit mill-Unjoni Ewropea kif ikkomunikat lill-Membri tad-WTO fid-dokument G/SECRET/42/Add.2.

Bil-konklużjoni tan-negozjati, ir-Repubblika Għarbija tal-Eġittu u l-Unjoni Ewropea ftehmu dwar dan li ġej:

Mingħajr preġudizzju għan-negozjati futuri skont l-Artikolu XXVIII tal-GATT tal-1994 u biss għall-finijiet tal-ħruġ tar-Renju Unit mill-Unjoni Ewropea, l-Eġittu jaqbel mal-prinċipju u l-metodoloġija ta' tqassim tal-impenji kwantitattivi skedati fil-forma tal-kwoti tariffarji tal-Unjoni Ewropea li kienu jinkludu r-Renju Unit, fejn hemm kwantità mqassma meħuda mill-Unjoni Ewropea li ma għadhiex tinkludi r-Renju Unit, filwaqt li l-kumplament tal-kwantità jittieħed mir-Renju Unit.

Fir-rigward tal-kwota tariffarja 048 (ħjar, frisk jew imkessaħ, mill-1 ta' Novembru sal-15 ta' Mejju) fid-Dokument G/SECRET/42/Add.2, l-Eġittu u l-Unjoni Ewropea jaqblu mal-bidla li ġejja fl-impenn skedat: il-volum tal-Unjoni Ewropea ta' din il-kwota *erga omnes* għandu jiġi aġġustat għal 647 tunnellata.

Fir-rigward tal-kwota tariffarja 048, l-Unjoni Ewropea se tirrikonoxxi d-dritt ta' negozjar inizjali tal-Eġittu.

L-Unjoni Ewropea u l-Eġittu jirrikonoxxu li l-Unjoni Ewropea qed tkompli twettaq negozjati u konsultazzjonijiet ma' Membri oħra tad-WTO li għandhom drittijiet ta' negozjar jew ta' konsultazzjoni skont l-Artikolu XXVIII tal-GATT tal-1994 bħala konsegwenza tal-ħruġ tar-Renju Unit mill-Unjoni kif ikkomunikat lill-Membri tad-WTO. Bħala riżultat ta' dawk in-negozjati u l-konsultazzjonijiet, l-Unjoni Ewropea tista' tqis bidla tal-volum stabbilit hawn fuq għall-kwota tariffarja 048. Fil-każ ta' tali bidla, l-Unjoni Ewropea għandha tikkonsulta lill-Eġittu bil-ħsieb li tikseb eżitu reċiprokament sodisfaċenti qabel ma tipproċedi għal kwalunkwe bidla, mingħajr preġudizzju għad-drittijiet ta' kull Parti skont l-Artikolu XXVIII tal-GATT tal-1994.

L-Unjoni Ewropea u l-Eġittu għandhom jinnotifikaw lil xulxin meta jitlestew il-proċeduri interni tagħhom għad-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim. Dan il-Ftehim għandu jidħol fis-seħħ fid-data tal-aħħar notifika.

Dan il-Ftehim għandu jitfassal f'żewġ kopji bil-Bulgaru, biċ-Ċek, bid-Daniż, bl-Estonjan, bil-Finlandiż, bil-Franċiż, bil-Ġermaniż, bil-Grieg, bl-Ingliż, bl-Irlandiż, bil-Kroat, bil-Latvjan, bil-Litwan, bil-Malti, bl-Olandiż, bil-Pollakk, bil-Portugiż, bir-Rumen, bis-Slovakk, bis-Sloven, bl-Ispanjol, bit-Taljan, bl-Ungeriż u bl-Iżvediż, b'kull test awtentiku ugwalment.

Inkun nafulek jekk tikkonferma li l-Gvern tiegħek jaqbel ma' dan t'hawn fuq.

Bi pjaċir nipproponi li jekk dan ta' hawn fuq hu aċċettabbli għall-Gvern tiegħek, din l-ittra u l-konferma tiegħek flimkien jikkostitwixxu Ftehim fil-forma ta' Skambju ta' Ittri bejn l-Unjoni Ewropea u l-Eġittu, inkluż għall-finijiet tal-Artikolu XXVIII:3(a) tal-Ftehim GATT tal-1994.

Għoddni dejjem tiegħek.

Съставено в Брюксел на двадесети декември две хиляди двадесет и трета година.
Hecho en Bruselas, el veinte de diciembre de dos mil veintitrés.
V Bruselu dne dvacátého prosince dva tisíce dvacet tři.
Udfærdiget i Bruxelles den tyvende december to tusind og treogtyve.
Geschehen zu Brüssel am zwanzigsten Dezember zweitausenddreiundzwanzig.
Kahe tuhande kahekümne kolmanda aasta detsembrikuu kahekümnendal päeval Brüsselis.
Έγινε στις Βρυξέλλες, στις είκοσι Δεκεμβρίου δύο χιλιάδες είκοσι τρία.
Done at Brussels on the twentieth day of December in the year two thousand and twenty three.
Fait à Bruxelles, le vingt décembre deux mille vingt-trois.
Arna dhéanamh sa Bhruiséil, an fichiú lá de mhí na Nollag sa bhliain dhá mhíle fiche a trí.
Sastavljeno u Bruxellesu dvadesetog prosinca godine dvije tisuće dvadeset treće.
Fatto a Bruxelles, addì venti dicembre duemilaventitré.
Briselē, divi tūkstoši divdesmit trešā gada divdesmitajā decembrī.
Priimta du tūkstančiai dvidešimt trečių metų gruodžio dvidešimtą dieną Briuselyje.
Kelt Brüsszelben, a kétezer-huszonharmadik év december havának huszadik napján.
Magħmul fi Brussell, fl-għoxrin jum ta' Miembro fis-sena elfejn u tlieta u għoxrin.
Gedaan te Brussel, twintig december tweeduizend drieëntwintig.
Sporządzono w Brukseli dnia dwudziestego grudnia roku dwa tysiące dwudziestego trzeciego.
Feito em Bruxelas, em vinte de dezembro de dois mil e vinte e três.
Întocmit la Bruxelles la douăzeci decembrie două mii douăzeci și trei.
V Bruseli dvadsiateho decembra dvetisícdvadsaťtri.
V Bruslju, dvajsetega decembra dva tisoč triindvajset.
Tehty Brysselissä kahdentenakymmenentenä päivänä joulukuuta vuonna kaksituhattakaksikymmentäkolme.
Som skedde i Bryssel den tjugonde december år tjugohundratjugotre.

От името на Европейския съюз
En nombre de la Unión Europea
Za Evropskou unii
På vegne af Den Europæiske Union
Im Namen der Europäischen Union
Euroopa Liidu nimel
Εξ ονόματος της Ευρωπαϊκής Ένωσης
On behalf of the European Union
Au nom de l'Union européenne
Thar ceann an Aontais Eorpaigh
U ime Europske unije
A nome dell'Unione europea
Eiropas Savienības vārdā –
Europos Sąjungos vardu
Az Európai Unió nevében
F'isem l-Unjoni Ewropea
Namens de Europese Unie
W imieniu Unii Europejskiej
Em nome da União Europeia
În numele Uniunii Europene
Za Európsku úniu
V imenu Evropske unije
Euroopan unionin puolesta
På Europeiska unionens vägnar



B. Ittra mir-Repubblika Għarbija tal-Eġittu

Sinjur/Sinjura,

Għandi l-unur ngħarrfek li rċevejt l-ittra tiegħek bid-data tal-lum, li tgħid hekk:

"Bi pjaċir nirreferi għan-negozjati li saru f'konformità mal-Artikolu XXVIII tal-Ftehim Ġenerali dwar it-Tariffi u l-Kummerċ (GATT) tal-1994 relatati mal-modifika tal-konċessjonijiet fuq il-kwoti tariffarji kollha inklużi fl-Iskeda CLXXV tal-Unjoni Ewropea b'konsegwenza tal-ħruġ tar-Renju Unit mill-Unjoni Ewropea kif ikkomunikat lill-Membri tad-WTO fid-dokument G/SECRET/42/Add.2.

Bil-konklużjoni tan-negozjati, ir-Repubblika Għarbija tal-Eġittu u l-Unjoni Ewropea ftehmu dwar dan li ġej:

Mingħajr preġudizzju għan-negozjati futuri skont l-Artikolu XXVIII tal-GATT tal-1994 u biss għall-finijiet tal-ħruġ tar-Renju Unit mill-Unjoni Ewropea, l-Eġittu jaqbel mal-prinċipju u l-metodoloġija ta' tqassim tal-impenji kwantitattivi skedati fil-forma tal-kwoti tariffarji tal-Unjoni Ewropea li kienu jinkludu r-Renju Unit, fejn hemm kwantità mqassma meħuda mill-Unjoni Ewropea li ma għadhiex tinkludi r-Renju Unit, filwaqt li l-kumplament tal-kwantità jittieħed mir-Renju Unit.

Fir-rigward tal-kwota tariffarja 048 (ħjar, frisk jew imkessaħ, mill-1 ta' Novembru sal-15 ta' Mejju) fid-Dokument G/SECRET/42/Add.2, l-Eġittu u l-Unjoni Ewropea jaqblu mal-bidla li ġejja fl-impenn skedat: il-volum tal-Unjoni Ewropea ta' din il-kwota *erga omnes* għandu jiġi aġġustat għal 647 tunnellata.

Fir-rigward tal-kwota tariffarja 048, l-Unjoni Ewropea se tirrikonoxxi d-dritt ta' negozjar inizjali tal-Eġittu.

L-Unjoni Ewropea u l-Eġittu jirrikonoxxu li l-Unjoni Ewropea qed tkompli twettaq negozjati u konsultazzjonijiet ma' Membri oħra tad-WTO li għandhom drittijiet ta' negozjar jew ta' konsultazzjoni skont l-Artikolu XXVIII tal-GATT tal-1994 bħala konsegwenza tal-ħruġ tar-Renju Unit mill-Unjoni kif ikkomunikat lill-Membri tad-WTO. Bħala riżultat ta' dawk in-negozjati u l-konsultazzjonijiet, l-Unjoni Ewropea tista' tqis bidla tal-volum stabbilit hawn fuq għall-kwota tariffarja 048. Fil-każ ta' tali bidla, l-Unjoni Ewropea għandha tikkonsulta lill-Eġittu bil-ħsieb li tikseb eżitu reċiprokament sodisfaċenti qabel ma tipproċedi għal kwalunkwe bidla, mingħajr preġudizzju għad-drittijiet ta' kull Parti skont l-Artikolu XXVIII tal-GATT tal-1994.

L-Unjoni Ewropea u l-Eġittu għandhom jinnotifikaw lil xulxin meta jitlestew il-proċeduri interni tagħhom għad-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim. Dan il-Ftehim għandu jidħol fis-seħħ fid-data tal-aħħar notifika.

Dan il-Ftehim għandu jitfassal f'żewġ kopji bil-Bulgaru, biċ-Ċek, bid-Daniż, bl-Estonjan, bil-Finlandiż, bil-Franċiż, bil-Ġermaniż, bil-Grieg, bl-Ingliż, bl-Irlandiż, bil-Kroat, bil-Latvjan, bil-Litwan, bil-Malti, bl-Olandiż, bil-Pollakk, bil-Portugiż, bir-Rumen, bis-Slovakk, bis-Sloven, bl-Ispanjol, bit-Taljan, bl-Ungeriż u bl-Iżvediż, b'kull test awtentiku ugwalment.

Inkun nafulek jekk tikkonferma li l-Gvern tiegħek jaqbel ma' dan t'hawn fuq.

Bi pjaċir nipproponi li jekk dan ta' hawn fuq hu aċċettabbli għall-Gvern tiegħek, din l-ittra u l-konferma tiegħek flimkien jikkostitwixxu Ftehim fil-forma ta' Skambju ta' Ittri bejn l-Unjoni Ewropea u l-Eġittu, inkluż għall-finijiet tal-Artikolu XXVIII:3(a) tal-Ftehim GATT tal-1994."

B'dan għandi l-unur nesprimi l-qbil tal-Gvern tiegħi mal-ittra t'hawn fuq.

Done at Brussels on the twentieth day of December in the year two thousand and twenty three.
Съставено в Брюксел на двадесети декември две хиляди двадесет и трета година.
Hecho en Bruselas, el veinte de diciembre de dos mil veintitrés.
V Bruselu dne dvacátého prosince dva tisíce dvacet tři.
Udfærdiget i Bruxelles den tyvende december to tusind og treogtyve.
Geschehen zu Brüssel am zwanzigsten Dezember zweitausenddreiundzwanzig.
Kahe tuhande kahekümne kolmanda aasta detsembrikuu kahekümnendal päeval Brüsselis.
Έγινε στις Βρυξέλλες, στις είκοσι Δεκεμβρίου δύο χιλιάδες είκοσι τρία.
Fait à Bruxelles, le vingt décembre deux mille vingt-trois.
Arna dhéanamh sa Bhruiséil, an fichiú lá de mhí na Nollag sa bhliain dhá mhíle fiche a trí.
Sastavljeno u Bruxellesu dvadesetog prosinca godine dvije tisuće dvadeset treće.
Fatto a Bruxelles, addì venti dicembre duemilaventitré.
Briselē, divi tūkstoši divdesmit trešā gada divdesmitajā decembrī.
Priimta du tūkstančiai dvidešimt trečių metų gruodžio dvidešimtą dieną Briuselyje.
Kelt Brüsszelben, a kétezer-huszonharmadik év december havának huszadik napján.
Magħmul fi Brussell, fl-għoxrin jum ta' Diċembru fis-sena elfejn u tlieta u għoxrin.
Gedaan te Brussel, twintig december tweeduizend drieëntwintig.
Sporządzono w Brukseli dnia dwudziestego grudnia roku dwa tysiące dwudziestego trzeciego.
Feito em Bruxelas, em vinte de dezembro de dois mil e vinte e três.
Întocmit la Bruxelles la douăzeci decembrie două mii douăzeci și trei.
V Bruseli dvadsiateho decembra dvetisícdvadsať tri.
V Bruslju, dvajsetega decembra dva tisoč triindvajset.
Tehty Brysselissä kahdentenakymmenentenä päivänä joulukuuta vuonna kaksituhattakaksikymmentäkolme.
Som skedde i Bryssel den tjugonde december år tjugohundratjugotre.

On behalf of the Arab Republic of Egypt
От името на Арабска република Египет
En nombre de la República Árabe de Egipto
Za Egyptskou arabskou republiku
På vegne af Den Arabiske Republik Egypten
Im Namen der Arabischen Republik Ägypten
Egiptuse Araabia Vabariigi nimel
Εξ ονόματος της Αραβικής Δημοκρατίας της Αιγύπτου
Au nom de la République arabe d'Égypte
Thar ceann Phoblacht Arabach na hÉigipte
U ime Arapske Republike Egipta
A nome della Repubblica araba d'Egitto
Ēģiptes Arābu Republikas vārdā –
Egipto Arabų Respublikos vardu
Az Egyiptomi Arab Köztársaság nevében
F'isem ir-Repubblika Għarbija tal-Eġittu
Namens de Arabische Republiek Egypte
W imieniu Arabskiej Republiki Egiptu
Em nome da República Árabe do Egito
În numele Republicii Arabe Egipt
Za Egyptskú arabskú republiku
V imenu Arabske republike Egipt
Egyptin arabitasavallan puolesta
På Arabrepubliken Egyptens vägnar

